# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 998

KAZ NRU. 1208

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Attard

u

Corinthia Hotels
International Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 30 ta' Novembru 1998

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 26 ta' Jannar, 1998, referenza MHS/TI/8/98 biex tigi processata skond il-Provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm hames (5) seduti.

Is-sur Joseph Attard aktar 'il quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-avukat Joseph Galea Debono.

Għall-kumpanija deher is-sur Clifford Navarro Gera assistit mill-avukat Joseph J. Vella.

**Xhieda :**

| | | |
|---|---|---|
| Mario Sant | - | Chief Security San Gorg Corinthia |
| Reno Aquilina | - | Head Store-keeper |
| Omar Ablett | - | Store-keeper |
| Jacqueline Francalanza | - | Oht l-appellant |
| Joseph Dimech | - | Human Resources Manager mal-Corinthia Group |
| Joseph Attard | - | L-appellant |

**Il-meritu tal-Kaz :**

L-appellant kien impjegat bhala Storekeeper mal-kumpanija b'effett mis-27 ta' Mejju 1996. Matul iz-zmien li kien mal-kumpanija kien ghal qalbu u kien kuntent hafna. Fis-6 ta' Jannar, 1998 il-Purchasing Manager is-sur Joe Attard nizel fl-istore numru 22 u qal li kellu glieda kbira mal-H.J.B. Bar Manager, is-sur Enriquez ghax kien allega li kienu ziedulu xi fliexken fuq ir-*requisition* taghhom. Fl-istore kien hemm prezenti wkoll is-sur Omar Ablett. Huma marru jkellmu lis-sur Enriquez u raw li veru r-*requisitions* kienu rrangati jew alterati b'zieda sew ta' xi flixken ta' spirti u anke f'xi kazi b'zieda ta' kog birra Lawenbrau. Meta ra hekk hu qallhom li kien jidher car li dawn ir-*requistions* kienu rrangati, u li huma zgur qatt ma kienu hargu dawk il-kwantitajiet ta' xorb li kien jaf x'jiehdu.

Meta s-sur Omar Ablett dahal mill-leave kien ammetta ma' l-appellant li hu u s-sur Reno Aquilina kienu jirrangaw ir-*requisitions*.

L-appellant gie msejjah biex imur id-Depot tal-Pulizija dwar jekk kellux Pottery id-dar fejn wara li kien interrogat saritlu tfittxija d-dar tieghu fejn ma sabu xejn inkriminanti.

Il-kumpanija ssostni li mill-istore kienu naqsu izjed minn elfejn lira maltin (Lm2,000) fi spirti u birra. Irrizulta li xi "*chits*" kienu gew falsifikati u xi spirti propjeta' tal-kumpanija kienu ittiehdu u mbieghu lil terzi. Irrizulta wkoll li mill-istess store insteraq ammont sostanzjali ta' pozati (*silverware*) u (*chinaware*) f'liema nuqqas huwa direttament implikat l-appellant.

**<u>Kunsiderazzjonijiet :</u>**

Is-sur Mario Sant, Chief Security, San Gorg Corinthia qal li fis-7 ta' Jannar 1998 kellhom rapport li sabu xi affarijiet min-naha tal-istores ma jaqblux ma' l-affarijiet li kienu hargu bejn paga u ohra. Bdew l-investigazzjonijiet taghhom u mill-ewwel bdew jinvestigaw lin-nies li kienu nkarigati mill-istores fosthom Joe Attard, Reno Aquilina u Omar Ablett. Wara ftit ta' l-investigazzjonijiet Omar Ablett qallhom x'kien qed jigri u kif kienu qeghdin johorgu l-affarijiet u dahhlu l-pulizija.

Wara l-investigazzjonijiet tal-pulizija rrizulta li kemm Reno Aquilina u kemm Omar Ablett kienu mdahhla f'dak li hu serq ta' xorb. Irrizulta wkoll li Joe Attard kien imdahhal f'serq ta'

fidda. Qal li l-fidda giet rekoverata mill-pulizija minghand Reno Aquilina. Mistoqsi mid-difensur tal-kumpanija jekk kienx kellem lil Attard qal li Attard dejjem cahad li kellu x'jaqsam ma' dan ir-reat. Mistoqsi mid-difensur tal-appellant jekk kienx wahdu inkarigat mill-istore qal li normalment ikunu tlieta - Reno Aquilina fuq u ghandu tnejn indaqs tahtu; izda meta ma jkunx hemm Reno Aqulina jkun hemm Joe Attard. Ittiehdu passi kontra Reno Aquilina u Omar Ablett li t-tnejn gew misjuba hatja u wehlu l-habs izda kontra Joe Attard mhux ser jittiehdu passi. Qal ukoll li fl-ebda hin la min-naha tieghu u l-anqas min-naha ta' l-*istatements* li saru l-appellant ma gie allegat b'xi haga.

Is-sinjura Jacqueline Francalanza fix-xhieda qalet li semghet lil Reno Aqulina meta kienet qed tistenna barra l-Awla jghid lis-sur Sant x'roghda qabditu u qal "x'ser naqbad nghid." Is-sur Sant qallu "ibqa' ghid li l-appellant kien qed isuq il-van, u tibqa' miexi tajjeb."

Is-sur Reno Aquilina, ex-Head Storekeeper, mistoqsi mid-difensur tal-kumpanija x'gara fil-kaz, xehed li hu m'ghadux fl-impjieg u li wkoll gie moghti sentenza mill-Qorti dwar serq li kien ghamel meta kien fl-impjieg tal-kumpanija. Xehed li l-appellant jigi tahtu fil-kariga. Kienu qed jitrasferixxu s-silverware u chinaware f'Jannar u Frar ghal store iehor, sigurta' ta' xejn, giethom l-ideja li jghabbu van u jiehduh ghalihom; hu u Joe Attard. Hadu kollox fid-dar fejn joqghod Joe Attard fejn wara x-xoghol hu mar ghandu u qassmu kollox biss l-appellant fidda ma hax, ha biss chinaware u tazzi. Mistoqsi mid-difensur tal-appellant kif lill-appellant ma sabulu xejn, xehed li x'ghamel Joe Attard ma jafx bihom.

Is-sur Omar Ablett xehed li kien Aquilina li qallu li qed igorru xi fidda u china, dak iz-zmien lanqas kien jahdem il-Corinthia.

Is-sur Joseph Dimech, Regional Human Resources Manager mal-Corinthia Group xehed li Reno Aquilina u Omar Ablett ghamlu stqarrija quddiemu u ffirmawhom quddiemu wkoll. Aquilina fl-istatement qal, " nikkonferma li ghall-habta ta' Mejju jiena flimkien ma' Joe Attard kollega store keeper sraqna permezz ta' van propjeta' tal-Corinthia ammont ta' *silver ware* u *china ware* mill-istores li hemm fis-*service road* ta' l-istess lukanda. Dawn l-affarijiet hadnihom fid-dar privata ta' l-istess Joe Attard." Mistoqsi mid-difensur ta' l-appellant jekk kienx jaf li l-pulizija ma nstab assolutament xejn qal li kien jaf li ma sabu xejn.

L-appellant mistoqsi mid-difensur tieghu qal li kien ilu mal-kumpanija minn Mejju 1996 u qatt ma kellu warning matul iz-zmien. Fuqu kellu lis-sur Reno Aquilina, Head Storekeeper u lis-sur Joe Attard, Purchasing Manager. Cahad li qatt ma ha xi *silverware* u *chinaware.* Il-pulizija kienu marru ghalieh xi darbtejn u arrestawh,  mar maghhom ifittxu d-dar tieghu u ghenhom. Barra mid-dar kienu fittxewlu wkoll fil-garage. Mistoqsi mid-difensur tal-kumpanija jekk Aquilina kienx jaf id-dar tieghu fejn kienet, qal li kien jaf ghax ghandi kien jigi spiss, lahaq kiel ghandi. Mistoqsi jekk bhala mpjegat kienx responsabbli li ma jonqos xejn, irrisponda li zgur li kien responsabbli. Qal pero' li ma setghux jinnutaw li kienu naqsu l-affarijiet. Qal li hu mill-bidu kien jghidilhom li l-istores ma kienux sew ghax l-istores l-aktar haga importanti li tkun taf x'ghandek izda huma ma kienux jafu lanqas stock ma kien hemm. Mill-ewwel qal lis-sur Antoine Galea, Chief Accountant li hu responsabbli mill-istores. Mistoqsi jekk

kienx johrog bil-van tal-kumpanija qal li hu kien johrog meta ma kienx ikun hemm is-sur Reno Aquilina ghax generalment kien johrog hu bil-van biex jixtri xi prodotti li kien ikun hemm bzonn. Biex tohrog bil-van trid l-ewwel iggib ic-cavetta minghand is-security u peress li l-istores qeghdin fis-*service road* fuq in-naha ta' barra irid jiftahlek is-security, f'dan il-post hemm il-cameras.

**Trattazzjoni Finali :**

Id-difensur ta' l-appellant qal li il-kumpanija fl-allegazzjoni qalet li l-appellant kien konparticipi jew komplici jew b'xi mod ghen fis-serq ta' oggetti minn Corinthia Hotel San Gorg. Bla dubju ta' xejn din l-allegazzjoni li qed tintefghalu trid tapprovah bla dubju ragonevoli. Il-kumpanija waqghet fuq ir-regola tas-suspett u r-regola tas-supposizzjoni u r-regola li tistrieh fuq komplici mhux kollaborat biex hija waslet halli tittermina l-impjieg ta' l-appellant. Principalment xhud wiehed ghadna li qal "iva dak kien mieghi, kien hu li assista biex hareg l-affarijiet bil-van u hadhom id-dar tieghu." Xehed illi ammetta li hu hallieh. Ix-xhud l-iehor Omar Ablett ma zied xejn ma' dan. Ix-xhieda tal-komplici jekk mhux kollaborata minn xi cirkostanzi ohra jew minn xi hadddiehor mhix bizzejjed. Dana kollu jwassal ghal konkluzjoni illi anke jekk hemm suspett, is-suspett wahdu mhux bizzejjed biex wiehed iwassal ghat-tkeccija ta' mpjegat.

Id-difensur tal-kumpanija qal li ma jaqbel xejn ma' dak li ntqal min naha tad-difiza ta' l-appellant. Qal li l-kumpanija qeghda hawn mhux biex l-appellant imur il-habs jew le ghax dan hu Tribunal Industrijali, qeghdin hawn biex naraw jekk l-

appellant ghandux jibqa' fl-impjieg tieghu jew le mal-kumpanija.

Giet citata sentenza li kienet inghatat mit-Tribunal Industrijali fit-30 ta' Gunju, 1976. Il-partijiet kienu Bluebell Malta Limited vs General Workers' Union. F'dan il-kaz kienu nvoluti tlett haddiema li kienu nqabdu jisirqu l-jeans. It-tliet impjegati kienu ttellghu il-qorti mill-pulizija izda kienu gew liberati qisu qatt ma gara xejn fil-konfront taghhom.

Il-kumpanija qalet li "dawn l-impjegati serquni indipendentement milli jghid il-Qorti Kriminali. Jien ma rridx inzommhom fl-impjieg tieghi". Irrizulta li t-Tribunal ta ragun lill-kumpanija fis-sentenza preliminari u sentenza finali. Id-difensur qal li kkwota din is-senenza biex juri li dak li hu kriminali jigi fil-kamp kriminali u dak li huwa fin-natura tal-ligi ta' l-impjieg jigi quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-kumpanija qed tghid li "b'dak li gara wiehed mill-impjegati tieghi tkissritli l-fiducja, gara fatt, naqsu l-affarijiet u jien ma rridx li jibqa' store keeper mieghi". Giet ikkwotata l-Ligi tal-1976 dwar provvediment ta' fiducja "*a position of trust*".

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' x-xhieda prodotti, kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjonijiet addizzjonali, isib illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant marbuta ma' serq ta' oggetti ta'

*silverware* u *chinaware* mill-istore ta' San Gorg Corinthia Hotel ma hix gusta.

It-Tribunal jordna li l-appellant ghandu jinghata kumpens ta' tlett elef erba' mija, erba' u sittin lira maltin (Lm3,464.00). Dan il-kumpens ghandu jinghata f'zewg pagamenti ugwali, l-ewwel pagament fit-18 ta' Dicembru, 1998 u t-tieni pagament fil-15 ta' Frar, 1999.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista fl-ammont ta' erbghin lira maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

-------------------
**Alphonse Caruana**
**CHAIRMAN**

------------------
**Joyce Agius**
**A/SEGRETARJA**

mrg